L-GHID TA' L-ASSUNTA

Ħarġa ta' darba fis-sena

Maħruġa minn Mons. Carmelo Scicluna

3 15 ta' Awissu, 1968

L-AKBAR GRAJJA TAL-KATIDRAL TA' GHAWDEX MITT SENA ILU

Ħadd ma jista' jiċħad li l-ġrajjiet tal-Katidral ta' Għawdex ma raqmux l-istorja ta' art twelidna bl-isbaħ paġni li l-ebda tul ta' żmien ma jista' jkun qatt li jitfi d-dija storika li ħierġa minnhom. Matul il-medda twila taż-żmien din l-ewwel knisja nisranija, l-ewwel parroċċa, l-ewwel Kolleġġjata u l-ewwel Matriċi ta' Għawdex ta' kull sena toffri xi ġrajja li għal dawk li jħobbu l-istorja ta' Gżiritna tiswa żgur aktar mid-deheb u mill-ġawhar. U liema kienet l-akbar ġrajja li twettqet mitt sena ilu fil-Katidral ta' Għawdex u li żejnet l-istorja ta' art twelidna b'teżor ġdid?

Mons. Anton Grech Delicata.

IL-HATRA TA' MONS. ANTON GRECH DELICATA BHALA T-TIENI ISQOF T'GHAWDEX

Qabel ma ġie maħtur bħala t-tieni Isqof tad-Djoċesi Għawdxija, Mons. Anton Grech Delicata kien qed jagħmel il-parti ta' Amministratur Apostoliku ta' l-istess Djoċesi. L-aħbar tal-ħatra ta' dan l-Isqof Titulari ta' Caledonia bħala Amministratur Apostoliku għal Għawdex waslet l-ewwel lir-Rev.mu Kapitlu tal-Kattidral fit-30 ta' Novembru 1867. Kienet din il-ġurnata meta l-ogħla dinjita' tar-Rev.mu Kapitlu ta' dak iż-żmien, id-Dekan Dun Salv Refalo sejjaħ għal għarrieda laqgħa kapitulari li għaliha kienu preżenti dawn il-kanoniċi: l-imsemmi Dekan Dun Salv Refalo, il-Kuratur Dun M'Anġ Garroni, Dun Franġisk Schembri, it-Teologu Dun Tumas Pace, Dun Gejtan Bondi, Dun Ġorġ Mercieca, Dun Anton Cauchi, il-Kjerku Dun Ġużepp Tewma u l-Kuġitur Dun Franġisk Tewma. F'din l-adunanza kapitulari, il-Preminent tar-Rev.mu Kapitlu, l-imsemmi Dekan Refalo fetaħ ittra mibgħuta lilu mill-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof Amministratur Anton Grech Delicata biex jaqraha lill-membri kollha ta' l-imsemmi kapitlu u jgħarrafhom biha li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX ħatru għad-dinjita' għolja ta' Amministratur Apostoliku għad-Djoċesi Għawdxija.

THEJJIJIET GHAL WASLA F'GHAWDEX TA' MONS. ANTON GRECH DELICATA

Ġew magħżulin 4 membri tar-Rev.mu Kapitlu: id-Dekan Dun Salv Refalo, il-Kantur Dun M'Anġ Garroni, it-Teologu Dun Tumas Pace u Dun Gejt Bondi biex flimkien ifasslu ittra ħalli permezz tagħha jibagħtu jifirħu lill-isemmi Amministratur Apostoliku. Din l-istess deputazzjoni ħasbet biex tagħmel laqgħa xierqa lil dan l-Isqof Titulari hekk kif wasal fl-Imġarr minn fejn fost id-daqq ferrieħ tal-qniepen baqa' tiela' lejn il-Knisja Kattidrali.

Hawnhekk ġie milqugħ fil-bieb il-kbir tal-Kattidral mir-Rev.mu Kapitlu, mill-kleru u mdaħħal proċessjonalment lejn l-artal Maġġur biex quddiem ix-xbieha ta' l-Assunta jintona t-'Te Deum" ta' radd ta' ħajr. Iżda l-poplu Għawdxi ftit li xejn laqa' bil-ferħ din il-ħatra għax hu kien rabat qalbu wisq ma' l-Amministratur Apostoliku ta' qablu, l-Agostinjan Fra Pawl Micallef. Tant hu hekk li meta dan ta' l-aħħar kien wasal biex imur Ruma għall-festi li kienu qegħdin isiru biex ifakkru għeluq it-tmintax il-mitt sena mill-Martirju tal-Appostli S. Pietru u S. Pawl, il-poplu Għawdxi kien bagħat din it-telegramma lill-Awtoritajiet Ekklesjastiċi ta' Ruma: "Jekk fil-Konċistorju li jmiss, Mons. Micallef ma jiġix magħżul Isqof t'Għawdex, il-poplu Għawdxi jitlob biex jekk hu possibli kollox jiġi mwaqqaf sakemm l-imsemmi Mons. Micalefl jagħti r-rapport tiegħu."

It-tweġiba għal dan it-telegramm waslet mingħand il-Kardinal Antonelli f'dan is-sens, "Kollox wasal fil-ħin." Madankollu l-Amministratur Apostoliku t'Għawdex Mons. Pawlu Micallef O.S.A. kien destinat għall-Djoċesi akbar, fil-waqt li l-Isqof titulari Mons. Anton Grech Delicata ġie magħżul bħala l-Amministratur Apostoliku l-ġdid għal Għawdex. Għalkemm il-poplu Għawdxi ma laqgħax tajjeb din il-għażla, frattant iż-żmien dejjem kien l-aħjar mediċina ta' fejqan għall-mard ta' din ix-xorta.

24 TA' SETTEMBRU 1868

U fil-fatt kien l-24 ta' Settembru tas-sena 1868, għaxar xhur wara l-għażla tiegħu bħala Amministratur Apostoliku ta' Għawdex, meta l-Isqof titulari ta' Caledonia ġie maħtur u nominat mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX bħala t-tieni Isqof tad-Djoċesi Għawdxija.

Fil-fatt f'laqgħa kapitulari tas-17 ta' Jannar 1869, id-Dekan Dun Salv Refalo wera l-Bolla Pontifiċja li kienet taħtar l-imsemmi Mons. Anton Grech Delicata bħala t-tieni Isqof ta' Għawdex fl-24 ta' Settembru 1868. Barra minn hekk f'din il-laqgħa ttieħdet deċiżjoni li fl-24 ta' Jannar 1869 jingħata l-Pussess lill-Prokuratur ta' l-Isqof il-ġdid biex tiġi mwettqa l-Bola ta-Papa Piju IX.

F'din l-okkażjoni l-Kanċillier tar-Rev.mu Kapitlu, Dun Salv Spiteri qara ittra lill-membri tar-Rev.mu Kapitlu mibgħutha lilu mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Antonu Grech Delicata. F'din l-ittra l-imsemmi Isqof wera biċ-ċar kif huwa ġie maħtur bħala Isqof t'Għawdex fil-Konċistorju tal-24 ta' Settembru 1868 u li huwa kien għażel lill-Kanoniku Dun Gejtan Bondi bħala Prokuratur leġittimu tiegħu biex jieħu l-Pussess meħtieġ minfloku f'din l-istess ġurnata tal-24 ta' Jannar 1869.

U għaddew yames xhur oħra meta f'Ġunju 1869 l-Isqof Grech Delicata għamel l-Ingress Tiegħu Solenni fil-Kattidral fost l-għajjat ferrieħ tal-poplu kollu Għawdxi għax bħalma stqarrejna ż-żmien issa kien ħall għal kollox ir-rabta ta' ħbiberija li kien hemm bejnu u l-Amministratur Apostoliku Fra Pawl Micallef O.S.A. u għalaq darba għal dejjem il-ġerħa ta' firda li kienet issaltan bejn missirijietna ta' mitt sena ilu u l-Isqof il-ġdid tiegħu.

L-ISQOF GRECH DELICATA U L- KATTIDRAL

Matul it-tmien snin tal-Veskovat tiegħu, Mons. Grech Delicata ma naqasx li jaħdem favur il-Knisja Kattidrali. Bis-saħħa tiegħu l-Kantur Dun M'Anġ Garroni fl-1871 laħaq l-ewwel Arċidjaknu tal-Knisja Kattidrali, dinjita' li kienet tixraq tabilħaqq lil din il-persuna billi ħadmet bi sħiħ għat-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija.

(Ikompli f'paġna 3)

Il-Kwadru taċ-Cena fil-Katidral t'Ghawdex

Il-pittura dejjem tat is-sehem tagħha biex tkompli torqom bl-isbaħ tiżjin il-knejjes ta' gżiritna. Fil-fatt f'kull knisja li tidħol f'Għawdex għandek tiltaqa' ma' xi kwadri li jisirquk bi ġmielhom għax ikunu ħarġu mill-pniezel mgħallma ta' xi artist magħruf. U jekk il-pittura dejjem wettqet dan id-dmir, bil-wisq akbar wettqitu fis-sekli sbatax u tmintax.

Isimgħu xi jgħid għal dan iż-żmien V. Caruana Gatto fil-ktieb tiegħu 'Malta Artistica fil-paġna 59: "quest epoca in Malta pero' e' da considerarsi come il secolo d'oro della pittura, essendo una gara fra chiesa e chiesa, tra nobilita' forestiera e nostrale per decorare edifizii sacri e profani con bella pitture."

II-KATIDRAL U S-SEKLU XVII

Frott tas-seklu sbatax huwa l-kwadru taċ-Ċena jew ta' l-Appostli li aħna nsibu fuq l-artal qabel tidħol għall-Kappella tas-Sagrament. Għaliex dan il-kwadru jissejjaħ ta' l-Appostli jew taċ-Ċena. Għal din il-mistoqsija jweġibna l-magħruf storiku Għawdxi l-Kan. Franġisk Agius De Soldanis li fil-ktieb "Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu", jgħidilna dawn il-kelmiet: "Il-kappella l-oħra (jiġifieri dik li tmiss mal-kappella tas-Sagrament) hi meqjuma lill-Appostli ta' Kristu li jidhru hemm lkoll fil-kwadru qegħdin jieħdu t'Tqarbin Imqaddes minn idejn l-Imgħallem tagħhom Ġesù."

L-imsemmi storiku fl-istess ktieb jissokta jgħidilna li dan il-kwadru "hu l-aħħar xogħol li għamel Ġużeppi D'Arena, imsejjaħ ir-Ruman." L-istoriku Għawdxi wasal għal din il-konklużjoni l-għaliex qabel dan il-kwadru huwa pinġa ieħor ta' S. Lażżru li jinsab sal-lum fil-parroċċa Bażilika ta' S. Ġorġ. L-is-

(Ikompli f'paġna 5)



IL-KATIDRAL T'GHAWDEX U L-PAPIET

Mill-Kav. KOLI APAP

It-Tempju ta' Marija Assunta fil-Belt Vittorja ta' Għawdex għandu storja tad-deheb u kien f'dan il-lok li qabel kien maqdes ta' l-allat foloz li l-Appostlu Missierna San Pawl fil-miġja tiegħu fil-gżira Għawdxija waqqaf l-ewwel dar tal-Mulej għall-Għawdxin u hemm ulied Għawdex bdew jagħtu qima lil veru Alla.

L-Għawdxin sa minn dejjem taħt idejn l-Għarab reġa' waqkienu msaħħra wara din l-ewwel knisja tagħhom u l-istess il-kbarat li minn żmien għall-ieħor rifsu saqajhom f'Għawdex. L-istorja hija xhieda ta' dan, difatti kien l-istess Konti Ruġġieru li fl-1090 wara li ħeles lil dawn il-gżejjer minn taħt idejn l-Għarab reġa' waqqaf mill-ġdid dan it-tempju.

U xi ngħidu għal żmien il-Kavalieri ta' l-Ordni Ġerosolmitan? Il-Gran Mastri fiż-żjarat tagħhom lil Għawdex ilkoll żaru din il-knisja prinċipali msejħa u magħrufa bħala l-Matriċi fejn ukoll kellhom is-Sedja tagħhom u l-istess ngħidu għal żmien l-Ingliżi għax ferm kbir il-għadd ta' Gvernaturi li rifsu saqajhom f'dan il-maqdes ta' ġmiel u ta' kobor.

Din il-knisja li għal bosta snin kienet il-parroċċa waħdanija ta' Għawdex mal-milja tas-snin irċeviet minn għand il-Papiet diversi dinjitajiet waħda akbar mill-oħra.

Difatti bil-Bolli ta' Urbano VIII u kkonfermata mill-Papa Alessandro VII fil-20 ta' Ottubru 1663 saret Kolleġġjata Insinji. Privileġġi ġew mogħtija mill-Papiet Klement X (1672), Klement XII (1689), Beneditt XIII (1729) u Beneditt XIV (1744).

Imma bla dubju ta' xejn l-akbar dinjita' kienet dik tal-Papa Piju IX meta l-knisja ta' l-Assunta saret Katidrali fit-22 ta' Settembru 1864.

Il-Kapitlu ta' din il-Knisja wkoll dejjem kien iż-żina u s-solennita ta' Għawdex u l-istess il-Papiet dejjem tawh privileġġi kbar. Il-Papa Benedittu XIII tah Rukkett, Muzzetta u Kapja Manja, Piju VI is-Salib Ottaganu, Piju IX Abiti Prelatizji u Buġija, Leone XIII il-Mitra, Piju X it-titlu ta' Monsinjuri u l-użu tal-Palmatorju u tal-Kanoni fil-Quddies anki quddiem l-Isqof u Piju X l-użu tal-Baċil u l-Buqar fil-Quddiesa.

MARIJA ASSUNTA

Marija!!! Ried Alla jsejħilha
Lil Dik illi tnisslet bla dnub;
"Marija!!!" għajtu l-ġnus fi twelidha
Li mela bil-ferħ kollha l-qlub.

X'uħud jgħidu Raqdet Marija,
Imħanna fit-tjieba w virtù;
Oħrajn jgħidu wkoll illi Mietet
Biex tixbah lil Binha Ġesù.

'Ma l-Mewt illi daħlet fid-dinja
Minħabba f'tan-Nisel id-dnub;
Ma kellha ebda jedd fuq Marija
Li serqet t'għajnejn Alla l-ħbub.

Tnejn biss ġewwa l-Ġenna jinsabu
Bir-ruħ u bil-ġisem, Tnejn biss!
Ġesù l-Bniedem Alla u l-Omm Tiegħu
Marija — "terrur ta' l-abbiss".

U fl-Ewwel tax-xah'r ta' Novembru,
Ta' l-elf, disa' mija u ħamsin,
Il-kbir Piju Tnax qatgħa d-Domma
Li l-Omm t'Alla u tagħna l-bnedmin,

Kif temmet fuq l-art il-"kors" tagħha,
Imtellgħa ġiet fl-ogħla Smewwiet
Bir-Ruħ u bil-Ġisem, ħdejn Kristu,
Issaltan fost l-ikbar ħlewwiet.

B'kemm Tempji u b'Parroċċi, **l-Assunta**
Meqjuma sfat f'tagħna l-Pajjiż!
Fost dawn — **Katidral** u Rotunda,
Ta' Pinu d-Dejr l-aktar għażiż.

Senglea. **Anton Haber.**

Nitolbu Skuza

Fil-kronaka tal-parroċċa tas-sena l-oħra ħallejna barra dawn il-ġrajjiet:

Mons. Penit. Guljelmu Grima J.C.D. ħa l-pussess ta' Monsinjur Dekan tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral fil-5 ta' Marzu 1967.

Mons. Edwardu Bondi laħaq Monsinjur Onorarju tal-Katidral.

Dun Mikiel Borg, ċeremonier tar-Rev.mu Kapitlu, laħaq ċeremonier ta' l-Isqof f'Awissu. ... ...

Dun Ġorġ Tabone laħaq ċeremonier tar-Rev.mu Kapitlu.

Fil-waqt li nifirħu minn qalbna lil dawn ir-Reverendi Sinjuri nitolbuhom skuża u ngħidulhom li dan ġara kontra x-xewqa tagħna.

Quddiem l-Istatwa ta' l-Assunta

MEQJUMA FIL-KATIDRAL T'GHAWDEX

Kull meta nħares lejk, Madonna ħelwa,
Inħoss bħal ferħ qaddis ibaqbaq f'qalbi,
Fuq ħnientek t'omm ħanina nsejjes tamti,
Kull dgħul jisfa fix-xejn li tisma' talbi.

Il-kobor tas-smewwiet u dak tal-baħar
Nistħajjel nilmaħ fl-iżraq ta' għajnejk;
Qawwiet l-infern jitriegħdu u jixxejnu
Għal ħarstek biss, Marija, Omm Mulejk.

Nara midbiela l-oħla warda ħamra
Jekk qabel ħarsti nitfa' fuq ħaddejk;
Iddub il-ħtija bħal fid-difa l-borra
Ta' dawk li b'qalb sogħbiena jersqu lejk.

Xofftejk qrollija, imbexxqa qishom f'talba
Li tofroq is-smewwiet b'ħajr lill-Mulej,
Dawk ix-xofftejn li lissnu l-kelma 'Fiat'
Jgħallmuni nfaħħar lil Ġesù Feddej.

Wiċċek devot li ġmiel is-sema jixhed,
Imżejjen bi tbissima rżina, għaslija,
Ipaxxi l-għajn ta' kull min lejh iħares,
Ifarraġ lil kull qalb mill-hemm mifnija.

Bejn sema u art, b'dirgħajk it-tnejn miftuħa,
Taħt pavaljun mill-isbaħ, rikk u fin,
Fuq pedistal prezzjuż magħmul mill-fidda,
Int l-għaxqa tagħna kollha, il-Għawdxin.

Ma' dawn l-għotjiet noffrulek lilna nfusna,
B'omm tagħna lilek nagħrfu, fik nafdaw;
Aktar ma l-Missier Alla għamlek kbira,
Aktar fil-maħfra Tiegħu nittamaw.

Kemm ilek tgħammar f'dan l-Ewlieni Maqdes,
Għamiltu ġenna, għaxqa ta' kull qalb;
Jixxenqu għal urajk erwieħ kotrana
Li ta kuljum ħdejk jiġu joffru t-talba.

Ressaqna għand Ġesù, Bint l-istess Ibnek,
Naddfilna lsienna biex kull ġieħ nagħtuH,
Mexxina Int fi triqet il-qdusija
Sabiex ġurnata lkoll niġu ngawduH.

Biex għamilek ta' ġmiel kbir, il-kelma tonqsok,
B'ta' l-anġli d-deh'n il-bniedem ħaddem driegħu;
Kemm aktar sbejħa ħriġt minn Id 'Jehovah'
Li għamlek sema fl-art għall-Iben Tiegħu!

Sliema — 8/5/68. **Tarċisio L. Xerri**

DAPTA 12

Qtar tal-Vitamini

● ● ●

GHAT-TFAL U TRABI

● ● ●

Tajjeb anki fis-sajf

● ● ●

Minn għand kull Spiżiar

SPRITEX

L-AHJAR

INSECT-KILLER

U JAGHMEL

IFFRANKA £30 IXTRI TV

INGLIZ BAIRD

(B'GARANZIJA TA' SENTEJN)

L-Offerta issa tagħlaq fl-aħħar ta' Settembru

BAIRD THE FIRST
NAME IN TV

Ilħaq set għax in-numru huwa limitat

G. XUEREB

52/54 Racecourse Street, Victoria, Gozo.

GOZO TRAVEL

Bl-Ajru jew bil-Baħar, għal kull parti tad-Dinja

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

114, Racecourse Street, Victoria, Gozo

KRONAKA TAL-PARROCCA

Mill-1 ta' Awissu 1967, sal-1 ta' Awissu 1968

6.8.67: Magħmudija ta' Ivan iben Joseph Grech u Keline mwielda Farrugia.
10.8.67: Dun Ġużepp Azzopardi laħaq 'Maestro di Coro' tal-Knisja Katidrali.
19.8.67: Sar it-tieġ ta' Carmelo Attard u Marija Camilleri.
27.8.67: Sar it-tieġ ta' Joseph Farrugia u Betty Farrugia.
3.9.67: Sar it-tieġ Felix Apap u Mary Micallef.
17.9.67: Sar it-tieġ Anton Grech u Louisa Grech.
17.9.67: Sar it-tieġ Paul Grech u Mary Saccò.
17.9.67: Saret Magħmudija ta' Maria bint Lorry Fenech u Maria mwielda Zammit.
17.9.67: Ġew maħturin Sagristani ġodda tal-Katidral Dun Ġużepp Gauci u Dun Ġużepp Saliba.
24.9.67: Sar it-tieġ ta' Valent Scicluna u Stella Spiteri.
1.10.67: Sar it-tieġ ta' Michael Vella u Josephine Azpardi.
17.10.67: Saret il-Magħmudija Joseph iben Anton Vella u Victoria mwielda Micallef.
19.10.67: Saret il-Magħmudija ta' M'Anġlu iben Pawlu Sultana u Saverja mwielda Cini.
22.10.67: Sar it-tieġ Paul Gauci u Marija Calleja.
22.10.67: Saret il-Magħmudija ta' Sunny iben Ġorġ Tabone u Ġużeppa mwielda Said.
28.10.67: Saret il-Magħmudija ta' Marijosette bint Joseph Micallef u Lina mwielda Grech.
12.11.67: Sar it-tieġ ta' Manuel Farrugia u Antonia Vella.
15.11.67: Saret Magħmudija ta' Ina bint Wenzu Camilleri u Ferdinanda mwielda Camilleri.
16.11.67: Saret Magħmudija ta' Anton iben Anton Grech u Ġuża mwielda Elis.
16.11.67: Żar il-Knisja Katidrali l-Predikatur tal-Papa preżenti, il-Patri Klement, Kapuċċin.
3.12.67: L-ewwel magħmudija bir-rit ġdid. Din il-Magħmudija kienet ta' Victoria bint Pupul Mejlak u Tarċisja wielda Gauci.
6.1.68: Sar it-tieġ ta' Joe Vella u Laureen Agius.
7.1.68: Saret il-Magħmudija ta' Karmenu iben Joseph Calleja u M'Grazzja Farrugia.
14.1.68: Saret il-magħmudija ta' Helen bint Francis Zahra u M'Grazzja Borg.
14.1.68: Saret il-Magħmudija ta' John iben Joe Masini u Paċifika Portelli.
10.2.68: Saret il-Magħmudija ta' Mario iben Leone Xerri u Pawla Farrugia.
10.2.68: Saret il-Magħmudija ta' Ronnie iben Francis Attard u Adelina Calleja.
11.2.68: Tieġ ta' Koronato Calleja u Antonia Grech.
10.3.68: Saret il-Magħmudija ta' Connie bint Anton Cordina u Carmen Refalo.
12.3.68: Saret il-Magħmudija ta' Anna Marija bint Felix Grech u M'Anna Micallef.
31.3.68: Saret għall-ewwel darba l-Purċissjoni bl-istatwi tal-Ħames Misteri tat-Tbatija.
3.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Mario iben Lorenzu Camilleri u Anna Camilleri.
3.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Salvino iben Vincent Saliba u Ġuża Bonnici.
6.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Emanuela bint Joseph Mizzi u Cetta Micallef.
14.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Marija bint M'Anġlu Galea u Grace Azzopardi.
19.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Vincent Paul iben Dr. Humbert Grech u Catherine Camilleri.
21.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Ġuża bint Ewkaristiko Sultana u Gina Portelli.
27.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Paul iben Roger Portelli u Antonia Debrincat.
28.4.68: Saret il-Magħmudija ta' Vivien bint Victor Camilleri u Rose Xerri.
21.5.68: Saret il-Magħmudija ta' Anton iben Vincent Grech u Marija Said.
19.5.68: Fetħet fil-Katidral il-Ġimgħa Liturġiko-Ewkaristika.
26.5.68: Saret il-Magħmudija ta' Giovanna bint Elija Mercieca u Frances Attard.
16.6.68: Żjara Statali fil-Katidral tal-Gran Mastru ta' l-Ordni Ġerosolmitan, Angelo De Mojana.
17.6.68: Saret il-Magħmudija ta' Tarċisju iben Ġiġi Azzopardi u M'Anne Debrincat.
18.6.68: Saret il-Magħmudija ta' Roberta bint Espeditu Hili u Lela Formosa.
24.6.68: Pellegrinaġġ għall-Bażilika tan-Nadur fejn saret quddiesa quddiem id-driegħ ta' S. Pawl.
26.6.68: Saret il-Magħmudija ta' Ġuża bint Francis Caruana u Carmela Hili.
28.6.68: Żjara fil-Katidral tal-Emm.za Tiegħu l-Kardinal Ġużeppi Ferretto.
4.7.68: Saret ilMagħmudija ta' Charlotte bint Paul Grech u Marija Sacco.
5.7.68: Żjara fil-Katidral ta' l-Altezza Rjali Tiegħu l-Prinċep ta' Wales, iben ir-Reġina Eliżabetta II.
12.7.68: Saret l-ewwel quddiesa solenni ta' Fr. Franklin Mizzi O.S.B. Amerikan bin ġenituri Għawdxin.
23.7.68: Saret il-Magħmudija ta' Bibjana bint Joe Zammis u Antonia Casha.
27.7.68: Żjara fil-Katidral ta' l-Arċisqof ta' Katanja, Mons. Guido Bentivolio u tal-Vigarju Ġenerali ta' Montefiascone Mons. Osvaldo Belardi.

L-INTERNATIONAL LIFE INSURANCE Co. (U.K.) LTD.

TOFFRILEK

SOMMA FLUS GĦALL-FAMILJA f'każ li tiġi nieqes......
SOMMA FLUS GĦALIK wara ċertu żmien ta' tfaddil......
QLIEGĦ KAPITALI ta' madwar 10% (fil-mija)......
BENEFIĊĊJI OĦRA, bħal ġbid ta' flus xħin trid......

FLUSEK HEMM BŻONN LI THADDIMHOM:

STAQSI

dwar id-"DOVER PLAN" mingħajr dewmien!
Ċempel: 76694 għal appuntament, jew ibgħat din il-formula:

— —

Lill-Manager: THE INTERNATIONAL LIFE INS. CO. (Malta) Ltd.
93 Racecourse Street, Victoria, Gozo.
— NIXTIEQ AKTAR TAGĦRIF DWAR IS-SISTEMA "DOVER PLAN" —
Jekk jogħġbok: Iktibli u tini appuntament/Ibgħatli Rappreżentant id-dar.

ISEM: .... INDIRIZZ ....

Frak ta' l-Istorja

Fl-1954 il-kwadru tal-Lunzjata fis-saqaf ġie mġedded u mpitter mill-ġdid bil-flus ta' Mons. Arċid. P. Cauchi, mill-pittur Ġanni Vella.

* * *

Fl-1957 l-arzella ta' fuq l-orgni ġiet mpittra mill-ġdid mill-istess pittur Ġanni Vella. Il-flus tagħha tħallsu nofs mill-flus li ġabar is-Sur Vincenzo Cauchi, u nofs imħallsin minn Mons. Arċid. P. Cauchi.

X'qalu l-Gurnali Dwar il-Katidral Matul is-Sena 1967-68

1. **"Barra mill-knisja Katidrali, opra kolossali ta' ġmiel arkitettoniku li ħarġet mill-ġenju tar-razza Maltija Melchior Gafa', għad fadal ukoll xi bini illi jappartieni lil żmenijiet wisq akbar imbiegħda........"**
(Ir-Review tat-23 ta' Diċembru 1967)
2. **"During the day we visited Victoria, the capital, walked round the ramparts of the ancient citadel and marvelled at the rich interior of the late 17th century Cathedral."** (Take A New Look At Calypso's Isle" by Charles Stewart: Sunday Times of Malta, April 28th, 1968).
3. **"Malli daħal fiċ-Cittadella Għawdxija mar dritt jagħmel vista lill-Knisja Katidrali, omma il-knejjes kollha Għawdxin. Fil-Katidral kien hemm jilqgħu l-Ill.mu u Rev.mu Mons. Pawlu Cauchi, Arċidjaknu ta' l-istess Katidral kif ukoll il-Kapitolu kollu tal-knisja Katidrali. Mons. Cauchi dawru mal-knisja Katidrali kollha u wrieh l-istatwa ta' l-Assunta u l-opri preġjati ta' l-arti li bihom hija mogħnija dik il-knisja. Huwa rrakkontalu wkoll kif, oriġinarjament, il-Knisja ġiet mibnija fuq ir-rovini ta' tempju pagan u kif ġiet mkabbra u abbellita matul is-snin. Il-Gran Mastru interessa ruħu ħafna fl-armonija ta' l-arkitettura tal-knisja, xogħol l-arkitett Malti, Melchiore Gafa' u f'dak kollu li ġie muri matul din iż-żjara."** — (Ir-Review tat-22 ta' Ġunju 1968).

L-Akbar Grajja tal-Katidral ta' Għawdex

(Ikompli minn paġna 1)

U kien l-10 ta' Awissu 1872 meta l-imsemmi Arċidjaknu Garroni qara lill-membri tar-Rev.mu Kapitlu din l-ittra mibgħutha lilu mill-Isqof Grech Delicata fl-4 ta' Awissu 1872 minn ġewwa Napli: "Carissimo Arcidiacono: Ricevo in questo momento lettere da Roma nelle quali mi docono, che il S. Padre ha secondato i miei desideri ed accordato al Capitolo della S. Cattedrale del Gozo gli abiti di Prelato di Mantellone e la Palmatoria nelle Messe. Io me ne godo sommamente di questa grazia... Intanto congratulativi da parte mia col capitole de questo distintivo, che tanto l'onora".

Din l-ittra turi biċ-ċar li bis-saħħa ta' l-Isqof Grech Delicata r-Rev.mu Kapitlu tal-Kattidwħud mill-Abiti Prelati ral kiseb il-privileġġi ta' xi wħud mill-Abiti Prelatizji ta' l-użu tal-Buġija fil-quddies. Imma l-mewt bikrija ma ħallitx lil dan l-Isqof jissokta jaħdem favur il-Knisja Kattidrali.

31 TA' DICEMBRU 1876

Kien it-28 ta' Ottubru 1876 meta r-Rev.mu Kapitlu ħatar deputazzjoni fil-persuni tal-Kanoniċi Dun Ġorġ Mercieca, it-Teologu Dun Anton Pace u Dun Salv Grech biex imorru Malta jaraw lill-Isqof Anton Grech Delicata li kien jinsab marid u biex jixtiequlu l-fejqan ta' malajr. Iżda l-mewt ma taħfirha lil ħadd u lanqas tħares bi ħniena lejn l-għomor qasir. U kien il-31 ta' Diċembru 1876 meta l-anġlu ħabbar tal-mewt firex ġwenħajh dellija fuq it-tieni Isqof t'Għawdex Mons. Anton Delicata u fl-eta' ta' ftit aktar minn 50 sena raddlu fuq ġbinu bewstu kiesħa bħaż-żiffa mrezżħa ta' l-għodwiet xitwija xħin kienu ġa saru d-9.30 p.m.

Jekk wieħed jidħol fil-Kattidral t'Għawdex jaħseb li dan l-Isqof huwa midfun quddiem il-kappella ta' S. Ursla għax sewwa sew quddiem dan l-artal tinsab lapida li tgħid li din il-kripta ħejja l-Isqof Anton Grech Delicata għad-difna tiegħu u ta' l-isqfijiet t'Għawdex ta' wrajh.

Imma fil-fatt dan l-Isqof jinsab midfun Ħal Balzan, art twelidu. U għal din ir-raġuni fl-1 ta' Jannar 1877 deputazzjoni kapitulari fil-persuni ta' l-Arċipriet Dr. Feliċ Refalo, it-Teżorier Saver Formosa, it-Teologu Gius. Mizzi, il-Kan. Dun Salv Grech u l-Kuġitur Dun Karm Sultana marru Malta biex jieħdu sehem fil-funeral tiegħu.

F'dan l-istess jum il-qniepen mill-kampnari tal-knejjes kollha ta' gżiritna bid-daqq meqjus u mqiet tagħhom ħabbru b'sogħba li Għawdex kien tilef it-tieni Ragħaj Spiritwali tiegħu. U kien il-5 ta' Jannar 1877 meta fil-Knisja Kattidrali t'Għawdex saret quddiesa solenni għar-ruħu fit-8 a.m. li għaliha kien preżenti l-parrokat u l-kleru kollu t'Għawdex flimkien ma' numru bla għadd ta' fidili.

L-orazzjoni funebri f'din l-okkażjoni saret mill-Patri Maj. Nikol Cilia u s-Segretarju Prinċipali tal-Gvern ta' dak iż-żmien, Sir Victor Hulton G.C. M..G.M.A. fuq talba tar-Rev.mu Kapitlu, ta' ordni biex l-uffiċini tal-Gvern t'Għawdex jinżammu magħluqin f'dan il-jum tal-5 ta' Jannar bħala sinjal ta' luttu nazzjonali f'ġieħ il-mejjet Isqof Grech Delicata.

Id-Djoċesi Għawdxija għadha tiftakar ta' kull sena f'dan it-tieni Isqof tagħha għax f'gurnata ta' l-ewwel Ġimgħa ta' Jannar toffrilu quddiesa kantata għar-ruħu fil-Knisja Kattidrali billi huwa l-aħħar wieħed li miet bħala Isqof t'Għawdex.

AKTAR DATI IMPORTANT

1907

Il-Protonatarju Appostoliku Mons. Pietru Piacenza, bħala President tal-Kummissjoni Liturġika, imwaqqfa mis-S. Kongregazzjoni tar-Riti biex tistudja l-privileġġi tal-Kanonċi tal-Kapitli tal-Knejjes, jikkonferma l-użu ta' dawn il-privileġġi għall-Kanoniċi tal-Katidral tagħna.

(a) il-mitra ddamaskjata bħal tal-Kanoniċi ta' Malta;

(b) it-titlu ta' Monsinjuri;

(ċ) l-użu tal-Buġija anki meta l-isqof jassisti mit-tron;

(d) l-użu tal-Kanoni u tal-Buġija mhux biss fil-quddies Kantat imma anki meta xi kanoniku jiġi mistieden għall-quddies lett ta' ċerta solennita'.

Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Katidral jibgħat ittri tar-radd ta' ħajr lill-Qdusija tiegħu l-Papa Piju X, lill-Kardinal Ferrata, lill-Prot. Appos. Pietru Piacenza u lir-Rev.mu Mons. Akille Martini li lkoll ħadmu għall-kisba ta' dawn il-privileġġi.

Ir-Rev.mu Kapitlu jagħti lill-Mużew tal-Gvern il-lapida bl-iskrizzjoni antika li nstabet fil-knisja l-qadima ta' S. Sabina bil-patt li jkun jista' jġiebha lura kull meta jogħbu.

Fil-knisja Katidrali saru festi djoċesani u speċjali biex ifakkru l-50 sena minn meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju X sar saċerdot.

Ir-Rev.mu Kapitlu permezz ta' l-Avukat Nazzarenu Ferrata appella kontra s-soluzzjonijiet mogħtija mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti dwari xi dubji li nqalgħu fuq l-użu tal-mitra u tal-Buġija.

1908

Ir-Rev.mu Kapitlu joffri rigal lill-Prot. App. Pietru Piacenza tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti bħala sinjal ta' rikonoxxenza għall-ittra li l-imsemmi Prelat bagħat lill-Kapitlu fit-12-XII-1907 biex iċċara xi punti fuq il-privileġġi li l-Qdusija tiegħu l-Papa Piju X kien ta lill-Kanoniċi ta' dan il-Kapitlu fil-15 ta' Nov. 1907.

Ir-Rev.mu Kapitlu ħa sehem fil-festi solenni li saru fix-xahar ta' Mejju fil-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' S. Ġorġ biex ifakkru għeluq il-50 sena minn meta l-Madonna dehret ġewwa Lourdes.

Il-Protonotarju Apostoliku Pietru Piacenza jibgħat ritratt tal-Papa S. Piju X li kien tah dan il-Papa stess biex jitwaħħal fil-Awla Kapitolari ħalli jfakkar għal dejjem il-privileġġi li kiseb ir-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral fi żmien il-Pontifikat tiegħu.

1909

Fil-21 ta' Novembru sar ftehim bejn l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. min-naħa l-waħda u r-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral min-naħa l-oħra dwar il-jedd min għandu jagħżel il-Kantur ta' l-istess Kapitlu. Dan il-ftehim li twettaq quddiem il-Viżitatur Apostoliku għal Għawdex l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Pietru La Fontaine, Isqof ta' Cassiano sar taħt dawn il-kondizzjonijiet.

(a) L-għażla tal-Kantur li huwa t-tielet dinjita' fost il-ħames dinjitajiet tibda ssir darba mill-Isqof u darba oħra mir-Rev.mu Kapitlu. L-ewwel darba din l-għażla ssir mill-Isqof.

(b) L-għażla tal-Kantur kemm jekk issir mill-Isqof kemm jekk issir mir-Rev.mu Kapitlu għandha taqa' fuq il-persuna li hija mżejna bil-kwalitajiet meħtieġa.

(ċ) L-għażla tal-Kantur, billi kien vakant f'din is-sena mill-Isqof u t-tieni darba kellha ssir mir-Rev.mu Kapitlu u hekk jibqa' jsir għal dejjem.

(d) Saru erba' kopji ta' dan il-ftehim: waħda ġiet mogħtija lill-Viżitatur Apostoliku msemmi, oħra ġiet merfugħa fl-Arkivju Sigriet ta' Mons. Isqof, oħra fl-arkivju tal-Katidral u l-oħra fl-Arkivju tal-Kurja.

Dan il-ftehim ġie ffirmat mill-Eċċ.za Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. u mill-Arċidjaknu ta' dak iż-żmien Mons. Gius. Mizzi D.D. għar-Rev.mu Kapitlu. Illum dan il-ftehim waqa' bil-publikazzjoni tal-Kodiċi. Ruma kienet żammet għaliha d-dritt li tagħżel id-dinjitajiet tal-Kapitlu. Iżda llum bis-saħħa tal-Kostituzzjoni Apostolika "Eclesiae Sanctae" l-Isqof tad-Djoċesi għandu d-dritt li jagħżel hu d-dinjitajiet tal-Kapitli mingħajr ma joqgħod jirrikorri Ruma.

Il-Mons. Kantur Dun Gius. Cachia minn rajh irrinunzja għad-dinjita' ta' Kantur li għaliha kien għażlu r-Rev.mu Kapitlu fit-22 ta' Novembru 1908. Għal din ir-rinunzja l-Mons. Gius. Cachia ġie mfaħħar minn kulħadd għax b'hekk il-paċi u l-ftehim saltnu mill-ġdid fid-Djoċesi Għawdxija.

Reġgħet ġiet imdaħħla l-mużika fil-festi tal-Ġimgħa l-Kbira.

1910

Ir-Rev.du Arċipriet tal-Knisja Kolleġġjata, illum Bażilika tax-Xagħra jikteb ittra lir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Katidrali bid-data tad-19 ta' Ottubru li biha għarrfu li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tax-Xagħra, mlaqqa' fil-5 tax-xahar imsemmi, talab lill-Awtorita' Ekklesjastika biex il-festa ta' Marija Bambina tiġi mgħollija għad-dinjita' ta' Prima Klassi fil-kalendarju u li wara s-sitt lezzjoni tal-Matutin ta' din il-festa tiġi msemmija l-qlubija li wrew missirijietna kontra t-Torok 1565. Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Katidral qabel ma' l-ewwel proposta fil-waqt li t-tieni proposta aċċettaha bil-kundizzjoni li ż-żieda mas-sitt lezzjoni tal-Matutin jkollha x'taqsam ma' l-Assedju ta' l-Għawdxin kontra t-Torok 1551.

Fl-24 ta' Ottubru, l-Eċċ.za Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. kiteb lir-Rev.mu Kapitlu biex talbu l-kunsens ħalli jwaqqaf il-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana. Fit-30 ta' Novembru tal-istess sena r-Rev.mu Kapitlu wieġeb fl-affermattiv għal din it-talba bil-kondizzjoni li l-fratelli ta' din il-parroċċa jibqgħu jieħdu sehem fil-purċissjoni ta' S. Marija, ta' S. Ġorġ Martri, f'dik ta' Corpus li toħroġ mill-Katidral għall-Knisja llum Bażilika ta' S. Ġorġ kif ukoll f'dawk tar-Rogazzjonijiet.

Ir-Rev.mu Kapitlu jagħti l-permess lill-Prokuratur biex jixtri "Harmonium".

Intefqu £10 biex tnaddaf u ġie msewwi l-orgni l-qadim tal-Katidral. Fit-3 ta' Ġunju s-saċerdot Dun Ġorġ Farrugia għamel il-professjoni tal-fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Mikiel Cini u Dun Spir Gauci.

Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral ta' Malta jibgħat ittra biex biha jifraħ lill-Kan. Teol. tal-Katidral t'Għawdex, Mons. Lwiġi Vella D.D. għall-għażla tiegħu ta' Isqof Koadjutur bid-dritt tas-Suċċessjoni ta' l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Pietru Pace Arċisqof ta' Malta.

1911

Ġiet restawrata l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

Intefqu £47 biex sar id-damask tal-kappella tas-Salvatur.

Ġew mibdulin il-ħinijiet tal-Matutin u tal-quddiesa Konventwali bi prova għal sena.

Dun Ġjaċint Micallef ġie magħżul bħala Sekond Ċeremonier tar-Rev.mu Kapitlu.

1912

L-Arċidjaknu Gius. Mizzi D.D. min-Nadur jitlob lis-S. Sede l-Ġubilazzjoni billi kien ilu 40 sena kanoniku. Din it-talba ġiet milqugħa u bdiet isseħħ fil-21 ta' Jannar 1913.

Ir-Rev.mu Kapitlu ħatar deputazzjoni fil-persuni tal-Mons. Kantur Salvatore Grech u tal-Mons. Tez. Fco. Camenzuli biex jieħdu ħsieb il-festa li kellha ssir fil-Katidral fil-21 ta' Diċembru f'għeluq il-50 sena minn meta l-Isqof Giov. Camilleri O.S.A. laħaq saċerdot.

L-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof Giov. Camilleri O.S.A. għarraf lir-Rev.mu Kapitlu li s-S. Sede laqgħet it-talba tiegħu biex il-festa ta' l-Immakulata Konċezzjoni tiġi osservata bħala festa kmandata fid-Djoċesi Għawdxija. Ir-Rev.mu Kapitlu nqeda b'din l-okkażjoni u għamel talba oħra lis-S. Sede biex il-festa ta' S. Pawl Nawfragu ssir ukoll kmandata bl-obbligu tas-smigħ tal-Quddies u serħan mix-xogħol ta' l-id.

Ir-Rev.mu Kapitlu jibgħat irodd ħajr lill-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof Giov. Camilleri O.S.A. għall-mod kif huwa permezz ta' ittra iddefenda l-privileġġi li kien ġa jgawdi l-imsemmi Kapitlu quddiem is-Sagra Kongregazzjoni Konċistorjali.

Fil-11 ta' April Dun Anton Cutajar għamel il-professjoni tal-Fidi bħala Monsinjur tal-Katidral quddiem ir-Rev.mu Kapitlu. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Ġużepp Cutajar u d-Djaknu Gius. Farrugia.

Fl-1 ta' Settembru Dun Salv Grech għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Spir Gauci u Dun Ġużepp Camilleri.

1913

Ġiet magħżula deputazzjoni Kapitulari magħmulha minn Mons. Arċ. Gius. Mizzi, mit-Teologo Lwiġi Vella, mill-Penitisenzier Gius. Grima, u mill-Mons. Franġisk Azzopardi biex jieħdu ħsieb il-festi fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 sena mill-ħatra ta' l-Eċċ.za Mons. Giov. Camilleri O.S.A. bħala Isqof t'Għawdex li kellhom isiru fis-sena ta' wara.

Ir-Rev.mu Kapitlu jingħaqad ma' l-Isqof tad-Djoċesi biex flimkien jitolbu s-Santa Sede ħalli l-festa ta' S. Ġwann Battista ssir waħda mill-festi kmandati wara nsistenza li saret mill-poplu tax-Xewkija. Saret ukoll talba lis-S. Sede biex il-festa ta' "Corpus Christi" tkun ukoll kmandata fid-Djoċesi Għawdxija.

Ir-Rev.mu Kapitlu jagħti l-'fiat' lill-Prokuratur tal-Knisja biex jieħu ħsieb iġib minn barra sett gandlieri tal-fidda għall-artal Maġġur. Il-Mons. Teol. Lwiġi Vella u l-Mons. Anton Debono ġew magħżulin mill-Kapitlu biex jgħinu l-prokuratur Mons. Lwiġi Cordini f'din l-intrapriża.

Ir-Rev.mu Kapitlu jieħu deċiżjoni li jibda jużа l-berittin tal-ġummiena ħamra fil-funzjonijiet kollha.

Il-Prokuratur tal-ħruġ jippreżenta lir-Rev.mu Kapitlu mudell ta' gandlier maydum mill-artist Malti Cardona.

Deputazzjoni Kapitulari magħmula mill-Penitenzier Mons. Alfons Hili u minn Mons. Luigi Cordina ħadet sehem fil-Kungress Ewkaristiku ta' Malta.

Ġew approvati l-lezzjonijiet ġodda tat-Tieni Notturn li bdew jingħadu fil-Matutini tal-Festa tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali.

1914

B'indult tas-S. Sede l-Kanoniċi u l-Kappillani tal-Kor tal-Katidral li kienu jagħmlu l-adorazzjoni bil-lejl ġew meħlusin mill-assistenza fil-kor għall-matutin, lawdi u prima ta' dak il-jum fil-għodu.

Saru festi speċjali biex ifakkru għeluq il-25 sena mill-ħatra ta' l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Giov. Camilleri O.S.A. bħala Isqof t'Għawdex. F'din l-okkażjoni r-Rev.mu Kapitlu offra lill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. baklu tal-fidda b'żewġ stemmi: dik ta' Isqof ndurat bid-deheb imżejjen stess u l-oħra tal-Kapitlu. Saru festi speċjali f'Settembru biex ifakkru għeluq il-50 sena mit-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija. Ġew nkarigati għall-organizzazzjoni ta' dawn il-festi Mons. Tez. Franġisk Camenzuli u Mons. Teol. Lwiġi Vella D.D.

1915

L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. jgħarraf lill-Kapitlu Katidrali li sa jagħti lill-Gvern id-Dar ta' l-Irtiri — llum Manresa House — biex fiha jiġbru l-feruti tal-gwerra.

Fid-29 ta' Lulju ġie ċelebrat b'mod solenni l-ewwel anniversarju mill-mewt ta' l-Isqof Pietru Pace fil-Katidral.

Ir-Rev.mu Kapitlu ħa deċiżjoni li jitwaħħlu skrizzjonijiet taħt kull kwadru li kien hemm imdendel fl-Awla Kapitulari biex juru l-ħidma ta' kull wieħed lejn id-djoċesi Għawdxija. Dawn tlestaw u twaħħlu fl-1917.

Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral bagħat jgħarraf lill-Assistent Segretarju tal-Gvern għal Għawdex li f'din is-sena għal kemm hija l-gwerra l-festa ta' l-Assunta sa tinżamm bħas-soltu.

Fl-1 ta' Jannar Dun Franġisk Azzopardi għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjus tal-Katidral. Xhieda ta' din il-profes sjoni kienu Dun Salv Attard u Dun Franġisk Spiteri.

Fit-13 ta' Mejju Dun Andre Micallef għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Salv Attard u Dun Ġużepp Cassar.

SUFFIT - GOZO CATED



Fid-29 ta' Settembru Dun Mikiel Bugeja għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Franġisk Spiteri u Dun Gius. Cassar.

Fid-29 ta' Novembru l-Kan Lettur Dun Alfons Hili għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur Kantur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Salv Attard u Dun Gius. Cassar. Twaħħal ritratt tal-Papa Beneditt XV fl-Awla Kapitulari billi kien il-Papa Renjanti f'dak iż-żmien.

Ġiet mogħtija l-istatwa antika tal-Madonna tar-Rużarju lis-sorijiet Dumnikani. Ir-Rev.mu Kapitlu żamm id-dritt li jeħodha lura jekk jiġi bżonnha.

1916

L-Avukat Nazzarenu Ferrata ta' Ruma jibgħat lir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Katidrali ritratt kbir bil-kulur fi gwarniċ sabiħ ta' ħuh, l-Emminenza Tiegħu l-Kardinal Domeniku Ferrata li ġie mwaħħal fl-Awla Kapitulari. Ir-Rev.mu Kapitlu jibgħat ittra ta' radd ta' ħajr lil sabiħ.

FL-ISTORJA TAL-KATIDRAL

Ir-Rev.mu Kapitlu jitlob lill-Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Giov. Camilleri O.S.A. biex joħroġ ċirkulari li fiha jgħarraf lill-fidili li l-Knisja Katidrali sa sagħlaq 200 sena li ilha kkonsagrata u biex jagħti ordni ħalli l-knejjes tal-Belt Vittorja jħabbru din il-ġrajja b'nota li tindaqq lejliet il-ġurnata tal-konsagrazzjoni i.e. fl-10 ta' Ottubru kif ukoll jissieħbu mal-kampinar tal-Katidral fid-daqq tal-qniepen waqt it-"Te Deum" li kellu jitkanta fil-ġurnata tal-konsagrazzjoni wara l-Quddiesa Pontifikali.

VELLA'S STUDIO-GOZO



Ir-Rev.mu Kapitlu jibgħat jifraħ b'ittra lill-Eċċ.za Tiegħu dan l-avukat għal dan ir-rigal l-Kardinal Pietru La Fontaine għall-ħatra tiegħu bħala Prinċep tal-Knisja billi dan il-Kardinal il-ġdid fl-1909 kien Viżitatur Apostoliku għal Għawdex.

L-Avukat Akille Pace jikkunsinna lill-Prokuratur tal-Katidral il-Mitra Geminata u dik tal-lama flimkien mas-salib pettorali tad-deheb bil-katina b'kollox li l-Arċisqof Pietru Pace kien ħalla fit-testment tiegħu lill-Knisja imsemmija. L-istess avukat jipproponi li jsir monument f'ġieħ l-Arċisqof Pietru Pace. Dan il-monument sar fil-Katidral, imma aktar tard.

Ir-Rev.mu Kapitlu jieħu deċiżjoni li l-purċissjoni ta' S. Mark u tar-Ragazzjonijiet jibdew isiru fid-9 a.m.

Fit-13 ta' Marzu Dun Ġużepp Cefai għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Ġorġ Grech u Dun M'Anġ. Grima.

Fit-28 ta' Ottubru Dun Ġużepp Pace S.Th.D., Ph.D., J.C.D., għamel il-professjoni tal-Fidi bħala Monsinjur Lettur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Ġorġ Grech u Dun M'Anġ. Grima. Illum Mons. Gius. Pace huwa l-Isqof t'Għawdex.

Saru żewġ pilastri damask fil-kappella tas-Salvatur bi £8.

1917

Il-Maġistrat Giuseppe Cremona jikteb ittra lir-Rev.mu Kapitlu biex fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. jagħmlu f'ġieħu festi speċjali.

Is-Surmast tal-kor ġie nkarigat mir-Rev.mu Kapitlu biex darbtejn fil-ġimgħa jagħti lezzjoni tal-kant ta' mhux anqas min-nofs siegħa lill-abbatini li kienu jkantaw il-versi fil-kor.

L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. jgħarraf lir-Rev.mu Kapitlu li għamel lill-Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Għarb, il-Kan. Dun Karm Portelli bħala Konsultur tal-Kappillani minflok il-mejjet Arċipriet Mons. Feliċ Refalo.

L-Arċipriet Mons. Feliċ Refalo ħalla somma ta' flus lill-Katidral li biha, fuq parir ta' l-Isqof, ġew restawrati t-twieqi tal-knisja.

Il-familja ta' l-Arċipriet F. Refalo tibgħat trodd ħajr lir-Rev.mu Kapitlu għall-funeral li organizza fl-okkażjoni tal-mewt ta' l-imsemmi arċipriet.

Bdiet tindaqq bil-mużika l-antifona ta' l-Assunta fil-festa ta' S. Marija minnufih wara li jispiċċa l-għasar.

Il-werrieta ta' l-Arċisqof Pietru Pace jagħtu lill-Knisja Katidrali alba u kwadru tal-Papa VI b'par pantofli mwaħħlin miegħu li kien juża l-istess Papa. Dan il-kwadru għadu mwaħħal fis-Sagristija ta' l-istess knisja.

Fit-28 ta' Mejju Dun Franġisk Pace għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Ġorġ Grech u Dun Salv Vella.

Ir-Rettur tas-Seminarju jibgħat jirringrazzja lir-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral talli ħa sehem fil-festi ċinkwantinarji tal-Kongregazzjoni Marjana mwaqqfa mill-Ġeswiti fis-Seminarju.

Il-Monsinjur Dun Mikiel Bugeja ġie magħżul bħala Vigarju Kurat tal-Katidral wara l-mewt ta' l-arċipriet Mons. Feliċ Refalo.

1918

Ir-Rev.mu Kapitlu ħa deċiżjoni li jwaħħal lapida ta' l-irħam fuq il-bieb ta' tramuntana biex tkun tagħmel simetrija ma' dik li diġa' kien hemm fuq il-bieb tas-Sagristija biex tfakkar għal dejjem li d-dekorazzjoni tal-Knisja saret mill-flus ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Giov. Camilleri O.S.A. Din il-lapida baqgħet ma saritx u ma [illegible] li jiġi mwaqqaf monument f'ġieħ dan l-isqof.

Ir-Rev.mu Kapitlu jikteb lis-S. Sede biex jgħolli l-prebendi tal-kanoniċi kollha minħabba dawn ir-raġunijiet (a) il-prebenda kienet fqira wisq biex wieħed ilaħħaq mal-għoli tal-ħajja ta' dak iż-żmien (b) kien hemm differenza kbira bejn il-prebenda tal-Kanoniċi u dik tal-Kappillani u (ċ) biex il-kanoniċi jkunu aktar assidwi għas-

Fl-4 ta' Marzu l-Mons. Kant.

servizzi tal-Knisja.

Dun Alfons Hili għamel il-professjoni tal-Fidi bħala Arċipriet tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Spit Gauci u Dun Ġorġ Grech.

Laħaq organista tal-Katidral is-Sur Ġużeppi Schembri bil-patt li jkompli jistudja u jipperfezzjoni fil-mużika.

1919

Ir-Rev.mu Kapitlu għażel lill-Avukat Nerik Mizzi bħala rappreżentat tiegħu fl-Assemblea Nazzjonali.

Ir-Rev.mu Kapitlu għamel talba lill-Gvern biex il-flus li ma kienx nefaq fil-luminazzjoni ta' S. Marija matul is-snin tal-gwerra jiġu mogħtija u minfuqa fil-festa ta' S. Marija ta' din is-sena.

Ir-Rev.mu Kapitlu jistieden lill-Gvernatur ta' dawk iż-żmenijiet għall-festi ta' ġewwa li jsiru fil-Katidral nhar il-festa ta' l-Assunta.

Ir-Rev.mu Kapitlu jitlob lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. biex il-lezzjoni ta' l-iskola li kienet issir lill-abbatini bejn id-9 a.m. u l-10 a.m. tibda ssirilhom f'ħin ieħor ħalli huma jkunu jistgħu jattendu għall-Quddiesa Konventwali li f'dak iż-żmien kienet issir f'dawk il-ħinijiet.

Fit-3 ta' Awissu Dun Salv Attard għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur Penitenzier tal-Kattidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Gius. Zahra u l-Kjerku Mikiel Vella. Fis-16 ta' Novembru d-Djaknu Pawlu Cauchi għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu bħala Monsinjur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Gius. Zahra u Dun M'Anġ. Bezzina. Illum dan il-Monsinjur huwa l-Arċidjaknu tar-Rev.mu Kapitlu. Id-Datarju Apostoliku l-Emm.za Tiegħu l-Kardinal Vincenzo Vanutelli permezz ta' Mons. Guerri bagħat ittra lill-Eċċ.za Mons. Isqof Giov. Camilleri O.S.A. biex jgħarraf lir-Rev.mu Kapitlu li l-Kanonikat tal-Penitenzier huwa benefiċċju ta' kollezzjoni libera (i.e. l-isqof għandu d-dritt jagħżel lil min irid għal dan il-kanonikat) u mhux benefiċċju ta' ġuspatromat lajkali bħalma ħasbu —i wħud mill-Kapitulari għar-raġuni li kemm il-Penitenzier kemm it-Teologu ssoltu jiġu magħżulin permezz ta' konkors.

1920

Mons. Ġorġ Farrugia ħareġ il-flus minn butu biex jitkomplew bl-irħam l-altari tar-Rużarju, ta' l-Appostli, ta' S. Ġużepp, ta' S. Pawlu u S. Franġisk di Paola.

Ir-Rev.mu Mons. Tez. Franġisk Camenżuli jitlob u jaqla' mis-S. Sede l-Ġubilazzjoni billi kien ilu 40 sena jservi l-Knisja Katidrali bħala kanoniku.

Ir-Rev.mu Monsinjuri flimkien mas-saċerdoti kollha li kienu jieħdu sehem fil-funzjoni ta' bil-lejl tal-Milied qalgħu l-permess mis-S. Sede li jqaddsu minnufih wara din il-funzjoni u jkunu jistgħu jqarbnu wkoll l-fidili f'dak il-ħin.

Fit-2 ta' Awissu l-Mons. Let. Gius. Pace S.Th.D., J.C.D., Ph. D. ħalla l-Lettorat biex ħa Kanonikat ġdid. Għalhekk f'din il-ġurnata għamel il-professjoni tal-Fidi u ħa l-pussess tal-Kanonikat, hekk imsejħa tal-Prima Eresjoni. Dan kien l-ewwel Monsinjur li għamel il-professjoni tal-Fidi qabel ħa l-pussess. Dan sar minħabba d-dispożizzjonijiet ġodda li ta l-Kodiċi. Qabel il-promulgazzjoni tal-Kodiċi din il-professjoni tal-Fidi setgħet issir fi żmien xahrejn, li wieħed ikun ħa l-pussess ta' Monsinjur jew Kanoniku.

Fid-19 ta' Settembru Dun Franġisk Portelli għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu u ħa l-pussess ta' Monsinjur Lettur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Spir Gauci u Dun Giov. Grech.

1921

Ir-Rev.mu Kapitlu jikteb ittra lill-Avukat tal-Kuruna biex jitlob lill-Gvernatur jeħles mit-taxxa tad-dwana lid-Dar Ġermaniża "Bruchmann Schne Heilborn" li ħadmet il-gandlieri tal-fidda għall Kattidral t'Għawdex għaliex din id-Dar ċaħdet li tibgħathom jekk ir-Rev.mu Kapitlu ma jħallasx huwa t-taxxa tad-dwana li dak in-nhar kienet laħqet is-somma ta' £120.

Ir-Rev.mu Kapitlu jaċċetta b'unanimita' t-talba li l-poplu ta' l-Għasri għamel lill-Isqof Giov. Camilleri O.S.A. biex il-knisja viċendarja tagħhom tiġi mgħollija għad-dinja ta' parroċċa billi n-nies ta' dan ir-raħal kellhom bogħod wisq għall-parroċċa taż-Żebbuġ.

Il-President tal-Kumitat tal-Banda Fil. 'Il Leone', is-Sur Pawl Pisani jressaq rikors quddiem ir-Rev.mu Kapitlu biex għal dik is-sena biss toħroġ somma ta' flus ħalli tkun tista' tinxtegħel il-'Banca Guratale' fil-festa ta' S. Marija, billi l-bilanċ ta' 18s. biss kien qed jibqa' mill-flus li kien qed jagħti l-Gvern għall-festi esterni ta' S. Marija. Ir-Rev.mu Kapitlu aċċetta din it-talba u fl-istess ħin għamel protesta kontra dan l-aġir tal-Gvern u talbu biex ikabbar din is-somma.

Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral jgħolli l-ħlas tal-priedki tal-Kwindiċina ta' l-Assunta minn £1 5s. għal £2 5s.

Dun Spir Gauci ħa l-pussess ta' Monsinjur Kuġitur tal-Monsinjuri Fortunatu Calleja. Għamel il-professjoni tal-Fidi fl-14 ta' Awissu.

Dun Marcel Agius ħa l-pussess ta' Monsinjur Kuġitur tal-Monsinjur Dun Ġużepp Tewma.

Fis-7 ta' Awissu Mons. Lwiġi Cordina għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem ir-Rev.mu Kapitlu u ħa l-pussess ta' Monsinjur Kantur tal-Katidral. Xhieda ta' din il-professjoni kienu Dun Gius. Zahra u Dun Ġorġ Grech.

Il-Kwadru taċ-Ċena fil-Katidral t'Għawdex

(Ikompli minn paġna 1)

tess ħaġa jixhed il-Manuskritt 1123 fil-paġna 58 li hemm fil-Biblijoteka ta' Malta fejn jitkellem mix-xogħolijiet ta' D'DArena f'Għawdex.

MIN KIEN ĠUŻEPPI D'ARENA

Ftit li xejn nafu fuq il-ħajja privata ta' dan l-artist. Tant hu hekk li l-Avukat Edward Sammut fil-paġni 58 u 59 tal-ktejjeb tiegħu "Notes For A History of Art In Malta" kiteb hekk: "Caravaggio's flight from Malta in December, 1608, was followed by another long break in the continuity of Maltese painting, during which one or two small voices struggled to make themselves heard. The best of these was Giuseppe D'Arena (c. 1630) of whom little is known, a recent critic even denying him Maltese nationality. He is said to have studied in Bologna in the studio of Gianfresco Barbieri, il Guericino."

L-istess ħsieb ifisser l-istess awtur fil-ktejjeb tiegħu, "Profili Di Artisti Maltesi" fejn fil-[illegible] si perfeziono' a Bologna nella scuola del Guerin[illegible], dove qualche tempo prima era stato il Preti." Għalkemm fqar ħafna huma n-noti bijografiċi li nsibu fuq D'Arena, madankollu ħadd ma jiċħad li huwa ma kienx wieħed mill-aħjar 4 pitturi Maltin tas-seklu sbatax.

L-aħjar xogħol ta' D'Arena nsibuħ fil-Kon-Katidral ta' S. Ġwann sewwa sew fil-kappella ta' S. Bastjan Martri. Kemm il-kwadru ta' dan l-artal kif ukoll il-lunetti tal-kopletta ta' l-istess kappella juru biċ-ċar il-ħila ta' D'Arena bħala pittur.

IL-KWADRU TAĊ-ĊENA

Il-kwadru taċ-ċena fil-Katidral t'Għawdex jagħti xhieda oħra ħajja li Giuseppe D'Arena huwa wieħed mill-iprem pitturi Maltin tas-seklu sbatax għaliex dan il-kwadru huwa tabilħaqq xogħol mill-aħjar tal-pittur imsemmi.

Il-Kwadru huwa pinġut fuq sfond skur bħalma kien iħobb ipinġi dan l-artist. Madankollu l-persunaġġi tiegħu huma maqlugħin tajjeb ferm. F'dan il-kwadru l-persuna ta' Kristu mlibbsa bil-kuluri aħmar u ikħal tidher tiddomina fost il-persunaġġi l-oħra kollha. U bir-raġun l-għaliex Kristu Ġesù huwa kien il-protagonista ta' din il-ġrajja ta' l-aħħar ċena li huwa kollu ma' l-akbar ħbieb ta' qalbu.

Għalhekk din it-tpinġija tipprezentaħna lil Kristu Ġesù bil-pissidi f'idu x-xellugija fil-waqt li b'idu l-leminija qed inewwel

(Ikompli f'paġna 8)

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI TA' MARIJA ASSUNTA FIL-KATIDRAL T'GHAWDEX

FESTI TA' ĠEWWA

Kwindiċina: Mit-30 ta' Lulju sa l-10 ta' Awissu, fis-7.00 p.m. Kuruħella tal-Madonna, Litanija kantata u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali. Minnufih wara quddiesa bid-Djaknu u bil-Letturi li fiha ċ-ċelebrant, il-Patri Gwardjan Ġanġużepp Camilleri O.F.M. jinseġ l-Omelija ta' l-okkażjoni.

Mill-31 ta' Lulju sa l-14 ta' Awissu, fis-6.30 a.m. Quddiesa Solenni bil-vuċijiet, preżenti r-Rev.mu Kapitlu.

Is-Sibt, 10 ta' Awissu, fis-6.00 p.m. Rużarju ħaj bit-tfal subien u bniet tal-parroċċa.

Il-Ħadd, 11 ta' Awissu: Fis-7.15 a.m. quddiesa għal kull klassi soċjali ta' nies fil-parroċċa. Fiha jinqraw appelli qosra minn missier, omm, ħaddiem, għarus, għarusa, żagħżugħ, xebba, tifel u tifla. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni mit-tliet missjunarji Għawdxin tal-Brażil li fiha ssirilhom ġabra għall-missjoni tagħhom.

Fl-4.30 p.m. Għasar u kumpieta kantati, kuruħella tal-Madonna, priedka mill-Wisq Rev.mu Dun Vinċenz Ciappara B.D., Innu, Antifona u Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

It-Tnejn, 12 ta' Awissu, fil-5.30 p.m. ikun hemm l-istess funzjoni ta' l-ewwel tat-Tridu.

L-Erbgħa, 14 ta' Awissu, fis-7.00 a.m. wara l-Quddiesa tal-Kwindiċina "Te Deum" bil-mużika u fit-8.00 a.m. quddiesa mill-Eċċ.za Tiegħu l-Amministratur Apostoliku għal Għawdex, Mons. Nikol Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soc., li warajha jqassam 'humpers' ta' l-ikel għall-ifqar familji tal-parroċċa.

Fil-5.00 p.m. Daħla solenni ta' l-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof N. Cauchi fil-Kattidral fejn jiġi milqugħ mir-Rev.mu Kapitlu. Translazzjoni u Għasar Pontifikali, kant tal-Kumpieta u tal-Litanija tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

Il-Ħamis, 15 ta' Awissu, Jum il-Festa: fis-6.15 a.m. Konċelebrazzjoni mill-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof Cauchi flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Fit-8.15 a.m. kant tat-Terza u Quddiesa Solenni Pontifikali mill-imsemmi Isqof li fiha jinseġ l-Omelija ta' l-okkażjoni. Wara l-Pontifikal l-Isqof jagħti l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Fl-4.30 p.m. quddiesa letta u wara għasar solenni bil-mużika u proċessjoni mmexxija mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi. Wara antifona tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

FESTI TA' BARRA FIL-QOSOR

Mill-11 sal-15 ta' Awissu jkun hemm marċi brijużi mat-triqat prinċipali tar-Rabat u programmi mużikali minn dawn il-baned: "Leone" tal-Belt Vittorja, "La Vallette", "St. Joseph" tal-Ħamrun, "Victory" tax-Xagħra, "Prekursur" tax-Xewkija, "San Ġużepp" ta' Għajnsielem u "Mnarja" tan-Nadur.

N.B.—Il-Vigarju Kurat jgħarraf li fis-7.30 a.m. nhar S. Mazjoni għal dawk is-saċerdoti li jixtiequ jqaddsu fil-Katidral.

Gbir ta' Flus mill-Kaxxa ta' Quddiem l-Istatwa ta' l-Assunta Matul is-Sena 1967-68

Data	£	s.	d.
2. 8.67	17	5	0
11. 8.67	19	17	6
14. 8.67	40	15	0
16. 8.67	29	3	0
17. 8.67	4	17	8
31. 8.67	17	9	0
16. 9.67	16	19	4
2.10.67	14	4	8
16.10.67	13	15	0
2.11.67	15	12	4
16.11.67	13	17	4
2.12.67	12	2	6
16.12.67	9	0	3
1. 1.68	19	7	4
16. 1.68	10	14	5
2. 2.68	13	1	11
16. 2.68	12	12	2
2. 3.68	11	16	8
16. 3.68	12	3	4
4. 4.68	19	8	9
1. 7.68	19	7	6
16. 7.68	14	7	3
16. 6.68	16	2	11
16. 4.68	13	4	2
30. 4.68	14	8	9
17. 5.68	18	13	3
2. 6.68	19	10	0
30. 7.68	15	14	3

OSTERMILK
L-Aqwa Halib
ghat-Trabi

CAPS OFF TO
FARSONS
£300
LOTTERY

Twelve caps from any of Farsons beers or Kinnie, or from any Schweppes or Mission bottles, entitle you to an entry ticket for Farsons' Lottery. Yes, just saving twelve caps from your favourite drinking gives you a chance to win cash. First prize £1000, second £300, third £200, plus 10 x £100 and 10 x £50. So drink up—and your local store will give you the tickets for your bottle tops!

Beers — Kinnie — Schweppes — Mission.

GOOD FORTUNE FROM FARSONS

DPL 17/68

DORIS JEWELLERY

41, St. Andrew Str.,
and
79, Vajrinġa Str.,
Victoria

All kinds of Fancy Jewellery in Silver, Gold & Diamond, Silverware, Watches Chalices and other Articles for Religious Service.

Brooklax

THE BRITISH CHOCOLATE LAXATIVE

ENDS CONSTIPATION OVERNIGHT

Grajjiet Importanti Li Twettqu fil-Katidral Matul is-Sena 1967-68

Il-Katidral t'Għawdex billi huwa l-eqdem tempju ta' pajjiżna minn dejjem kien iċ-ċentru u t-tijatru ta' bosta ġrajjiet. Illum, għalkemm għaddew minn fuq din il-knisja mijiet ta' snin, madankollu bosta huma dawk il-ġrajjiet importanti li twettqu matul is-sena li għaddiet biex ikomplu jdommu l-istorja interessanti tagħha bl-isbaħ ilwien u kuluri.

Fil-11 ta' Mejju l-Eċċ.za Tiegħu l-Amministratur Apostoliku għal Għawdex Mons. Nikol Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soċ. amministra għall-ewwel darba fil-Katidral t'Għawdex is-Sagrament ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali. F'din l-okkażjoni ġew mgħollija għad-dinjita' ta' saċerdoti ħdax-il Djaknu kif juri r-ritratt ta' hawn fuq.

Bis-saħħa taċ-Ċirkulari 14/68 ta' l-Amministratur Apostoliku għal Għawdex, il-Katidral ta' gżiritna kiteb paġna ġdidna fl-istorja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 1968, meta ħarġet għall-ewwel darba purċissjoni bl-istatwi tal-Ħames Misteri tat-Tbatija mill-Knisja msemmija. Għal din l-okkażjoni żżanżnu statwa ta' Ġesù mejjet fuq is-Salib flimkien mal-Madonna, S. Ġwann u l-Madalena, żewġ slaleb tal-ġewż, qasba u stellarju tal-fidda. Għal din il-purċissjoni eluf ta' nies minn kull rokna tal-gżira Għawdxija nġabru fil-Belt Vittorja.

Il-Kant fil-funzjonijiet liturġiċi mill-fidili ġie mogħti importanza kbira mill-Konċilju Vatikan II. Għal din ir-raġuni fil-Katidral ta' Għawdex f'din is-sena twaqqaf kor bl-isem ta' "Marija Assunta" taħt it-tmexxija ta' Miss Mary Zammit LRSM. Dan il-kor li formalment deher għall-ewwel darba fil-publiku matul iċ-Ċimgħa Liturġiko-Ewkaristika kompla kiber biż-żieda ta' xi żgħażagħ u rġiel. Ħareġ ukoll barra mill-parroċċa u ħa sehem fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fid-9 ta' Awissu fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tad-Dar ta' Lourdes fl-Imġarr.



Fis-16 ta' Ġunju 1968 il-Gran Mastru ta' l-Ordni Ġerosolmitan, il-Prinċep Angelo De Moyana bl-entourage tiegħu għamel żjara statali fil-Katidral t'Għawdex. Fir-ritratt jidher jitlob fil-kappella tas-Sagrament.

Fil-5 ta' Lulju 1968 għamel żjara bla ħsieb lill-Katidral t'Għawdex l-Altezza Rjali Tiegħu l-Prinċep ta' Wales, l-iben il-kbir tar-Reġina Renjanti ta' l-Ingilterra Eliżabetta II. Kif wasal fiċ-Ċittadella, il-Prinċep wera x-xewqa tiegħu li jżur lill-Knisja Katidrali. Is-Sur George Pisani, Senior Information Officer, dawwar lill-Altezza Rjali ma' l-imsemmija knisja. Fir-ritratt jidher tiela' t-taraġ tal-Katidral t'Għawdex.

HEMPEL'S
paints
are
best
Hempalin
(Enamel
u Undercoating)
Hempatone
(Zebgha tal-Plastic)

Il-Kwadru tac-Cena fil-Katidral t'Ghawdex

(Ikompli minn paġna 5)

lilu nnifsu taħt ix-xbiha ta' Ostja lil S. Pietru. Il-qagħda ta' dan l-Appostlu turi biċ-ċar li huwa qed jilqa' fuq ilsienu lil Ġesù Ostja bl-akbar dewħa u devozzjoni qaddisa. Il-pożizzjoni ta' idejh kif ukoll il-bixra ta' wiċċu donnhom qegħdin jgħidu lil Ġesù: "Mulej, ma jistħoqqlix tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda jgħid biss kelma u ruħi tkun imfejqa."

Fit-tarf tan-naħa tax-xellug tal-kwadru nsibu wieħed mill-Appostli b'wiċċu fl-art u b'idejh magħquda ħalli b'att profond ta' qima jurina li fl-Ostja Konsagrata tinsab il-preżenza rejali t'Alla. Tliet persunaġġi oħra li għandhom ċerta prominenza fil-kwadru lkoll jinsabu bil-ħarsa tagħhom iffissata fuq Ġesù Ostja. It-tlieta qegħdin jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq is-suġġett prinċipali tal-kwadru — Ġesù Ostja. It-tlieta bil-qagħda tagħhom jixhdu li huma sejrin jilqgħu fis-sider tagħhom lil Ġesù bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinita' bl-akbar ħerqa possibbli.

L-espressjoni ta' ġabra li tinqara fuq il-wiċċ taż-żewġ appostli ta' wara S. Pietru donnha qed tgħidilna li f'Ġesù Ostja biss tinsab il-paċi u l-hena tal-qalb u mhux fil-ġid u l-glorji tad-dinja. L-appostlu l-ieħor li jinsab fit-tarf tal-lemin tal-kwadru b'dawk idejh miftuħa u b'ħarstu msammra fuq l-Ostja bajda daqs il-ħalib irid donnu ta' bilfors jistqarr li Ġesù biss huwa t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja tal-bnedmin.

L-Appostli l-oħra li jidhru kemm xejn fil-bogħod jixhdu mill-fattizzi ta' wiċċhom li huma lkoll xewqanin li jieħdu dan l-ikel bnin tar-ruħ għax huma kienu żgur fuq li żgur li "kull min jiekol minn dan il-ħobż, jgħix għal dejjem."

Dan il-kwadru ma fihx ħafna xejxi ta' kuluri. Iżda l-appostli huma lkoll lebsin ħwejjeġ ta' lwien mitfija biex l-artista jurina li l-Appostli ma kienux nies jagħmlu tajjeb u biex l-għajnejn ta' l-ammiraturi ta' dan il-kwadru ma jintilfux fuq is-sbuħija u għajjat tal-kuluri, imma jikkonċentraw fuq ħaġa waħda — it-Tqarbin Imqaddes.

Ma naħsibx li nkun noħroġ 'il barra miċ-ċirku tal-moderazzjoni jekk nistqarr li dan l-kwadru taċ-Ċena barra li jagħmel ġieħ lil min pinġih, huwa wkoll wieħed mit-teżori li l-Knisja Katidrali t'Għawdex tikkonserva bl-akbar għożża.

Trid tagħti SPRAY lill-karozza tiegħek?
Triq tqabbel SPRAY ġdid mal-qadim?
Trid ittella' d-DAQQIET fil-karozza?
Trid tara l-karozza ĠDIDA bħal qabel?
Agħżel fost kulħadd il-GARAGE ta'

Joe Azzopardi

20, Foreman Street,
Victoria Gozo.

SPEL 65

L-AQWA WASHING POWDER LI TISTA' TIXTRI

Il-Faċċata ta' SPEL 65 jinbidlu ma' l-aqwa u l-irħas rigali għand:

EMANUEL BONELLO
10, Fra Diegu Street, Marsa
Branch: 7, Triq Santa Luċija, il-Belt
Ċemplu: 26452

DRENCH YOUR THIRST WITH FLAVOUR

M - M - M - MIRINDA

Bright, Bubby Fresh Fruit Flavour

D'AMATO DISC

(Diski Maltin)

In-Nisa Kollha Xorta — Il-Barmaid
Id-Dota Ta' l-Għarusa — Għaliex Ma Iżżewwiġtx
Xebgħa Frosta Lin-Nisa — Xebgħa Frosta Lill-Irġiel
Il-Qerq Tan-Nisa — Għanja Lis-Sajf
Lucia Ta' Lammermur (Parti 1—2)
Pia De Holomei (Parti 1—2)
Ix-xbejba Ta' Rdum (Parti 1—2)
Lieni l-Karkariża (Parti 1—2)
Iż-Żaqqieq — Għanja Lin-Namrata
X'Aħna Sbieħ Min Jaf Jarana (Parti 1—2)
Ġenoveffa (Parti 1—2)
Kontradanza Maltija — Maddalena
Il-Mara U x-Xitan — Festa f'Raħal
Ilbies Skullat — Ix-Xhieħ
Il-Mara Halja (Parti 1—2)
Toni Bajada (Parti 1—2)
Għanja Bejn Tnejn (Parti 1—2)
L-Istorja ta' l-Imsejken Ġużeppi (Parti 1—2)
Ajma Żaqqi Kemm Ksuħat — Tgħajjira lin-Namrata
Gio Marija Kassja (Parti 1—2)
Il-Brigant Kalabriż (Parti 1—2)
Edgardo Fuq il-Qabar ta' Elvira (Parti 1—2)
Destin Ingrat — Mgħallem Żidni Għax Għarus
L-Istorja Ta' Arturo u Marija (Parti 1—2)

Jistgħu jintbagħtu bil-posta faċilment minn għand:

Anthony D'Amato

98-99 ST. JOHN'S STREET, VALLETTA, Phone 24348

In 48 hours you can have your KODACOLOR film processed . . . and have the colour prints made ready for you to collect. The KODAK equipped laboratory in Malta brings you the best possible quality—fast.

For all your processing enquiries call at your local photo dealer.

P. CUTAJAR (Laboratories) AND COMPANY LIMITED
12 St Paul Street, Valletta
Telephone 23440